FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IS-26 TA' FRAR 2001

PULIZIJA
SPETTUR PAUL VASSALLO
VS
CHRISTOPHER MERCIECA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Mercieca ta' 22 sena bin Carmelo u Josephine nee Dalli, imwieled tal-Pieta fil-11 ta' Gunju 1978 u li jirresjedi fil-fond nru 57, Triq ix-Xintill, Tarxien id Card Nru 293578M talli fid-19 ta' Settembru 2000, u jew fil-gimgha ta' qabel, f'dawn il-gzejjer ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pullibku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' Bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw ai termini tal-artikolu 183 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istes zmien u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza bi ksur tal-artikolu 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikajrazzjoni jew stqarija falza, jew ta taghrif falz, billi ifalsifika firma fil-Logbook nru B510235 tal-

karozza KIA Pride, bin-numru tar-registrazzjoni AAD 821, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza logbook numru B510235, b'firma ffalsifikata, ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti ta' l-1994 Dwar il-Vetturi Bil-Mutur (AL 128/1994) u tal-artikoli 15(1b) u 18 tal-kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 183, 184, 188, 189 tal-kap 9, Art 17 u 31 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi Bil-Mutur (AL 128/1994) u Art 15(1b) u 18 tal-kap 65 u Art 5 tal-kap 152 u tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u dan taht is-sorveljanza tal-Probation Officer Carmen Nygaard..

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.